# DARBA FOST L-OĦRAJN U DAK LI TGĦID IL-BIBBJA MQADDSA

Minn
George Ebejer

# DARBA FOST L-OĦRAJN

F'dan l-istudju sejrin naraw x'kienu jemmnu u jipprattikaw il-Kristjani tal-bidu u nqabbluh ma' dak li jsir illum.

**Darba fost l-oħrajn** kien hemm riverenza tal-biża' lejn il-Kelma ta' Alla. Ukoll fost dawk li ma kellhom l-ebda fidi fiha, din kienet ktieb li jitlob rispett. Dawk fil-familja ta' Alla żammewha 'l fuq u żammew iebes għaliha u spiss taw ħajjithom għaliha.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Madankollu, il-Mulej tagħna xorta għadu jgħid:

> "*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12: 48).

**Darba fost l-oħrajn** persuni li riedu jsiru dixxipli tal-Mulej l-ewwel *semgħu* l-Evanġelju ta' Kristu (Rumani 10:13-19), *emmnu* fi Kristu (Atti 16:31), *nidmu* mid-dnubiet tal-passat tagħhom (Luqa 24:47; Atti 17: 30), *stqarrew il-fidi* tagħhom fi Kristu (Rumani 10:8-10), u kienu *mgħammdin* **fi** Kristu għall-maħfra ta' dnubiethom (Galatin 3:27; Rumani 6:3; Atti 2:38). B'hekk wieħed ikun imwieled fil-familja ta' Alla (Ġwanni 3:5).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum minn dan ma baqa' xejn. Nies isiru dixxipli ta' Kristu sempliċiment billi jemmnu biss, trabi jkunu magħmula dixxipli ta' Kristu hekk kif jitwieldu billi

jkunu mxarrba bi ftit qtar ta' ilma fuq rashom imsejjaħ magħmudija.

**Darba fost l-oħrajn** is-salvazzjoni kienet biss fil-knisja tal-Mulej għaliex din hija l-istituzzjoni mixtrija bid-demm Tiegħu (Atti 20:28; 1 Korintin 6:20). Huwa hemm li l-bniedem ikun irrikonċiljat għal Alla (Efesin 2:16). Il-bniedem għandu jkun irrikonċiljat għal Alla. Is-salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex **dak** hu l-grupp li Kristu jressaq quddiemu (Efesin 5:27). Persuna ma tistax tkun salva barra mill-knisja għaliex Alla **jżid** lil dawk kollha li jkunu salvi fiha (Atti 2:47). Il-bżon-nijiet għas-salvazzjoni u s-sħubija tal-knisja huma l-istess.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum is-salvazzjoni tinsab f'kull knisja, skond xi wħud!

**Darba fost l-oħrajn** il-knisja ma kellha ebda isem denominattiv. Din kienet tissejjaħ "il-knisja Tiegħi" (Mattew 16:18), "il-knisja (Atti 8:1), "il-knisja tal-Mulej" (Atti 20:28), "il-knisja ta' Alla" (1 Korintin 1: 1-2), "il-knejjes ta' Kristu" (Rumani 16:16), "il-ġisem ta' Kristu" (Efesin 4:12), u "l-knisja ta' l-ulied ewle-nin" (Lhud 12:23).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, nisimgħu b'ħafna ismijiet ta' knejjes li jġibu ismijiet settarji jew ta' xi bniedem, ta' xi jum, ta' xi belt jew pajjiż; eċċ.

**Darba fost l-oħrajn** ma kien ebda isem ieħor taħt is-sema li permezz tiegħu l-bnedmin jistgħu jkunu salvi (Atti 4:12).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, insibu li hemm ħafna ismijiet oħra (ta' hekk imsejħa qaddisin) li jistgħu jsalvaw bl-interċessjoni tagħhom!

**Darba fost l-oħrajn** kien hemm Medjatur **Wieħed** biss bejn Alla u l-bniedem u dan kien Sidna Ġesù Kristu **waħdu** (1 Timotju 2:5).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, dan ma baqax wieħed imma żdiedu oħrajn bħal Marija omm Ġesù bħala medjatriċi, eċċ.

**Darba fost l-oħrajn** ir-Ras tal-knisja kien biss il-Mulej tagħna Ġesù Kristu (Kolossin 1:18; Efesin 1:10).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, insibu li hemm ras fiżika, bniedem bħala r-ras tal-knisja imsejjaħ, President, Papa, eċċ.

**Darba fost l-oħrajn** kien emmnut lir-**Ragħaj il-Kbir** (Arċisqof) huwa Kristu **waħdu** u li l-oħrajn kollha huma taħtu, l-istess, anzjani jew isqfijiet, presbiteri (1 Pietru 5:1-4).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn** għaliex illum naraw reliġjonijiet li għandhom bħala ragħaj il-kbir ma' Kristu bniedem ukoll!

**Darba fost l-oħrajn** il-qaddisin kienu nies **ħajjin** imqaddsa minn Alla Nnifsu (Ġwanni 17:17; Lhud 10:10, 14; Filippin 3:21; 1 Korintin 1:1-3; 16:1; 2 Korintin 8:4; 13:12; Efesin 1:1; 2:19; Lhud 13:24) li jemmnu fil-Mulej u jippridkaw l-Evanġelju.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum il-qaddisin qegħdin isiru mill-kapijiet ta' xi knisja wara

li jmutu u jiġu ddikjarati minnhom qaddisin u mhux minn Alla.

**Darba fost l-oħrajn** kull Kristjan kien qassis jew saċerdot (1 Pietru 2:5-10; Rivelazzjoni 1:6) u mhux sezzjoni ta' nies reliġjużi biss.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum naraw sistema ta' saċerdozju li għadha fuq is-sistema tat-Testment il-Qadim u mhux fuq dik ta' Kristu, jiġifieri, is-saċerdozju Kristjani, tal-Kristjani kollha!

**Darba fost l-oħrajn** Dawk kollha li kienu dixxipli ta' Kristu kienu jżommu bħala Missier spiritwali **Wie-ħed biss** u ma kienu jsejħu lil ebda bniedem fuq l-art "Father" f'ubbidjenza għall-kmand tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu (Mattew 23:9).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum nisimgħu lin-nies isejħu lill-qassis Kattoliku Ruman u lil dak tal-knisja Protestanta bit-titlu ta' "Father" fejn Kristu kkundanna dan bl-aktar mod ċar (ara Mattew 23:9).

**Darba fost l-oħrajn** l-isem "Reverendu" kien biss użat għal Alla (Salm 111:9).

Imma dan ukoll kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum dan huwa wżat fil-Knisja Kattolika Rumana u f'ħafna denominazzjonijiet.

**Darba fost l-oħrajn** dawk kollha li kienu jemmnu f'Alla ma kienu jsejħu lil ebda bniedem fuq l-art "Holy Father," ("Missier Qaddis"), għaliex dak kien l-isem ta' Alla **Waħdu**! (Salm 111:9; Mattew 23:9; Ġwanni 17:11; Apokalissi 15:4).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, minkejja dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, xorta waħda l-kap tal-Knisja Kattolika Rumana, bniedem tad-demm u l-laħam, huwa msejjaħ "Holy Father" jew "Missier Qaddis" u b'hekk il-Kelma ta' Alla qed tiġi fix-xejn! Dan isisr ukoll f'xi knejjes Protestanti, Ortodossi, eċċ.

**Darba fost l-oħrajn** l-Ispirtu s-Santu qal, permezz ta' kittieb ispirat Minnu li "*l-isqof għandu jkun raġel li jkun iżżewweġ darba biss…li jkun raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza u bir-rispett kollu*" (1 Timotju 3:1-7; Titu 1:5-9). Dan il-kliem l-Ispirtu s-Santu rrifera għalih bħala: "**Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha…**" L-appostlu Pietru, bħala isqof, hekk kien (ara Mattew 8:14; Mark 1:29; Luqa 4:38; 1 Korintin 9:5).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum ċertament li ħafna reliġjużi din il-kelma warrbuha fil-ġenb u mhumiex jeħduha bħala li **hi kelma ta' min joqgħod fuqha**! Imma aqra t-twissija li hemm fl-1 Timotju 6:2b-5).

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani kienu jemmnu li l-offerta jew is-sagrifiċċju tal-ġisem ta' Ġesù Kristu fuq is-salib kienet magħmula darba għal dejjem (Lhud 9:12, 26-28; 10:14), u dan jixhdulna l-Ispirtu s-Santu Nnifsu (Lhud 10:15) u mhux li għandha ssir kuljum bla quddiesa (Lhud 10:11).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum xi wħud igħallmu li fil-quddiesa dan is-sagrifiċċju jkun

irripetut. Imma dan imur kontra dak li tgħidilna l-Klema ta' Alla, fejn naqraw:

> "*Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta'* ***l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù*** ***maghmula darba għal dejjem****. Kull qassis ieħor imur kulljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu, wara li offra* ***sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet****, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh. Għax hu* ***b'offerta waħda*** *għamel perfetti* ***għal dejjem*** *lil dawk li huwa jqaddes. Dan jixhdulna l-Ispirtu s-Santu nnifsu…*" (Lhud 10:10-15).

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani ma kinux jemmnu li "*Alla jixbaħ lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem*" (Atti 17:29).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum naraw fil-knejjes Kattoliċi u xi oħrajn statwi miksijjin kollha deheb u fidda u ġojjelli oħra mingħajr lanqas ħadd ma jipprova jikkundannahom (Ara Eżodu 20:4-5; Dewteronomju 4:15-19; 5:32:33; 1 Samwel 15:23; Salm 115: 4-8; Isaija 40:18-20, 25; 42:8; 44:9-20; Ħabakuk 2:18-20; Ġwanni 3:23; 12:48; Atti 17:16-30; 19:23-40; 2 Korintin 5:7; Apokalissi 9:20; 22:15).

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani kienu jemmnu f'Alla li Hu "spirtu" u ma kienu jaċċettaw l-ebda xbieha ta' Alla l-Missier bħala bniedem għaliex jekk huma kienu se jagħmlu hekk, kienu se "*jbiddlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm,….Il-verità ta' Alla biddluha ma' gidba*" (Rumani 1:23-25).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jidħol f'xi knejjes Kattoliċi u jara statwi u pitturi fejn għandhom lil Alla l-Missier bħala raġel xiħ, bħala bniedem li jintemm! Imma huma kuntenti li "*jbiddlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jin-temm, u li l-verità ta' Alla jbiddluha ma' gidba*" u mhumiex lesti li jobdu lil Alla aktar milli jobdu lill-bnedmin (Atti 5:29).

**Darba fost l-oħrajn** wieħed kien ikun imċanfar meta huwa ma jkunx qiegħed jimxi sewwa skond *l-Evanġelju* (Galatin 1:6-9; 2:11-14; 2 Timotju 3:16-17) u jkun qiegħed jimxi skond it-tagħlim tal-bnedmin.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum wieħed ikun imċanfar jekk ma jobdix it-tagħlim tal-bnedmin. It-tagħlim ta' l-Evanġelju huwa sekondarju għall-ħafna nies reliġjużi!

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani kienu jemmnu li "*l-Evanġelju hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni*" (Rumani 1:16; Efesin 1:13; Ġakbu 1:21) u li huma kienu se jkunu ġġudikati skond l-Evanġelju u mhux skond it-tagħlim tal-bnedmin (Rumani 2:16; Ġwanni 12:48; 2 Tessalonikin 1:7-9; 1 Pietru 4:17).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum naraw ħafna tagħlim reliġjuż miżjud ma' l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa li huwa mogħti iktar prominenza mill-Bibbja nfisha!

**Darba fost l-oħrajn** il-kittieba ispirati kienu "*jiżżu ħajr bla heda lil Alla*" talli l-Kristjani kienu jilqgħu l-kelma li kienu jisimgħu minn għandhom bħala **li hija l-Kelma ta' Alla** (1 Tessalonikin 2:13).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum innies jippreferu li jisimgħu mill-kelma tal-bnedmin għaliex huma jemmnu li l-Bibbja Mqaddsa mhix il-Kelma ta' Alla!

**Darba fost l-oħrajn** kien ikun ħażin għal min ma jxandarx l-Evanġelju (1 Korintin 9:16).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum l-Evanġelju, il-Bibbja Mqaddsa, ftit li xejn hija mogħtija importanza! Ukoll għalkemm jintqal biex tinqara spiss, imma kemm nies juru interess fiha!

**Darba fost l-oħrajn** kittieb ispirat mill-Ispirtu s-Santu ħeġġeġ lin-nies biex *igħarblu kull ma jgħid hu* (1 Korintin 10:15).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum il-fidli huma ordnati biex jaċċettaw dak li jintqal lilhom mill-mexxejja reliġjużi tagħhom. Imma ara l-Kelma ta' Alla x'tgħidilna dwar kif aħna għandna nkunu nafu jekk dak li qegħdin nisimgħu huwiex minn Alla jew mill-bnedmin (Ara Atti 17:11).

**Darba fost l-oħrajn** l-appostli kienu jippriedkaw li "*Alla ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin, anqas ma jqimuh b'offerti b'idejn il-bnedmin*

*…*" (Atti 17:24-25). Dan kien għaliex it-tempju kien huma [il-Kristjani] nfushom (1 Korintin 6:19; 2 Korin-tin 6:16; Rumani 8:11; 1 Pietru 2:5).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum nar-aw ħafna tempji (knejjes) reliġjużi fejn jintqal li fihom igħammar il-Mulej jew li hemm Ġesù sagramentat **maqful** fuq l-artal. Dwar dan, dawk li għadhom jem-mnu u jipprattikaw dak it-tagħlim, isimgħu x'għandu xi jgħidilkom l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għarblu lilkom infuskom jekk intomx fil-fidi: ġarrbu lilkom infuskom.* ***Ma tafux intom li Ġesù Kristu jinsab dikom?****…*" (2 Korintin 13:5).

Huma ħafna li għadhom "***ma jafux*** *li Ġesù Kristu jinsab fihom*" għaliex kieku *jafu* ma jipprattikawx dak it-tagħlim! Kieku *jafu* ma jmorrux biex "jirċievu l-Ġesù sagramentat" ġewwa fihom għaliex Ġesù diġa' qiegħed ġo fihom!

**Darba fost l-oħrajn** kull min kien jemmen fi Kristu ma kienx lest li lanqas jaċċetta l-kelma ta' anġlu mis-sema u lanqas ta' xi appostlu ħlief dik il-kelma ta' l-Evanġelju (Galatin 6:6-9).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. X'diffe-renza kbira hemm illum fejn kull ħaġa li tinstama' sabiħa għall-widna tkun aċċettata mingħajr ebda opp-ożizzjoni!

**Darba fost l-oħrajn** l-ebda "*tagħlim ieħor*" ma kien jiġi aċċettat barra minn dak it-tagħlim ta' Kristu

li jinsab fil-Kelma Tiegħu (2 Ġwanni 9-11; 1 Korintin 4:6).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum naraw kull xorta ta' tagħlim li ma nsibuħx fil-Bibbja Mqaddsa hu aċċettat u pprattikat. Ħares ħarsa madwarek u tara l-bidla kbira li saret fit-tagħlim ta' Kristu!

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani ma kinux jgħixu "*skond il-passjonijiet tal-bnedmin imma skond ir-rieda ta' Alla*" (1 Pietru 4:2) li hija l-Evanġelju (1 Pietru 4:6, 17).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Attendi għal xi festi fejn tara l-piki li jeżistu bejn partit reliġjuż u ieħor u tara d-differenza!

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani kienu jemmnu li huma "Xhieda ta' Kristu" fejn naqraw:

> "*Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, **u tkunu xhieda tiegħi** f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u **sa truf l-art***" (Atti 1:8)

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, għalkemm Il-Mulej tagħna qalilna bl-aktar mod ċar **xhieda ta' min** aħna għandna nkunu, ħafna huma li mhumiex kuntenti li jaċċettaw dak li qal il-Mulej u qegħdin jaċċettaw u jsejħu lilhom infushom b'isem li **mhuwiex Skritturali** ta' "Xhieda ta' Jehovah."

L-isem "Jehovah" mhuwiex isem Skritturali imma kien mogħti għal l-ewwel darba minn patri Kattoliku Spanjol bl-isem ta' C.E. Raymundus Martini fis-seklu 13. Dan wieħed jista' jikkonfermah mill-kliem tan-

New World Bible Translation Committee innifsu, taddisa' ta' Frar, 1950, New York, N.Y. fejn qalu dan il-kliem eżatt, u nikkwota:

> While inclining to view the pronunciation "Yah-weh'" as the more correct way, we have retained the form "Jehovah" **because of people's familiarity with it since the 14th century**. (The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures, 1969, p. 23; enfasi tiegħi)

Imma wkoll għalkemm dawk kollha li nqabdu f'dik in-nassa ta' tagħlim żbaljat, illum mhumiex lesti li jwarrbuh u jaċċettaw dak li jgħidilhom il-Mulej. Huma jippreferu aktar li jaċċettaw it-tagħlim tal-bnedmin milli dak ta' Alla!

**Darba fost l-oħrajn** il-predikaturi ispirati kitbu u għallmu li wieħed jitnaddaf billi joqgħod "għall-kelma tal-verità," li wieħed jitwieled mill-ġdid "bis-saħħa tal-kelma ta' Alla," li din il-Kelma "tgħix u tibqa' għal dejjem," u li "din il-kelma hija l-kelma ta' l-Eva-nġelju" u mhux tal-bniedem (1 Pietru 1:22-25; Ġakbu 1:18)

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum wieħed jista' jara kemm kotba oħra ġew miżjuda mal-Bibbja Mqaddsa u mogħtija l-istess, (jekk mhux aktar) awtorità daqsha!

**Darba fost l-oħrajn** l-Ikla tal-Mulej kienet issir f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd (Atti 20:7), fejn din kienet issir bħala **tifkira** (Luqa 22:19; 1 Kor-

intin 11:24, 25) u mhux bħala sagrifiċċju letterali tal-ġisem u d-demm ta' Kristu, u fejn kull Kristjan kienu *jiekol mill-ħobż* **u** *jixrob mill-frott tad-dielja*.

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum din inbidlet għalkollox u minflok l-Ikla tal-Mulej saret il-quddiesa fejn issir għal bosta drabi kuljum u fejn dawk li jieħdu sehem fiha jieklu l-ħobż biss u l-frott tad-dielja qisu ma jeżistix għalihom, ukoll għalkemm il-Mulej qal: "*Ixorbu* ***lkoll*** *minnu*" (Matew 26:27)!

**Darba fost l-oħrajn** ħafna nies malli saru jafu li huma kienu qegħdin jagħmlu ċerti ħwejjeġ li ma kin-ux jogħġbu lil Alla mingħajr ebda telf ta' żmien ħarqu l-kotba tagħhom quddiem kulħadd li kienu jiswew ħamsin elf biċċa tal-fidda (madwar Lm2,700). Dan huma għamluh sabiex "*il-kelma tal-Mulej tkompli tik-ber u tissaħħaħ bil-qawwa kollha*" (Atti 19:19-20).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Kemm hawn illum li huma lesti jimxu fuq l-eżempju ta' dawk in-nies li tassew riedu li jogħġbu lill-Mulej f'dak kollu li huma jagħmlu billi jwarrbu dak kollu li mhuwiex skond il-Kelma ta' Alla? Kemm kotba reliġjużi ġew miżjuda mal-Bibbja Mqaddsa? Kemm huma lesti dawk kollha li mal-Bibbja Mqaddsa **żiedu** dawk il-kotba u għamluhom bħala li huma ta' l-istess awtorità meta l-Bibbja twissi bl-aktar mod ċar li dan m'għan-dux isir (Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-11; Apokalissi 22:18-19). Lesti dawk il-mexxejja reliġjużi jaħarqu-hom dawk? Le, mhumiex! Bħala eżempju ieħor, kemm huma lesti li jneħħu l-ħafna statwi reliġjużi me-ta l-Kelma ta' Alla tikkundannahom bil-qawwa koll-ha? (Ara Eżodu 20:4-5; Dewteronomju

4:15-19; 5:32-33; 1 Samwel 15:23; Salm 115: 4-8; Isaija 40:18-20, 25; 42:8; 44:9-20; Ħabakuk 2:18-20; Ġwanni 3:23; 12: 48; Atti 17:16-30; 19:23-40; 2 Korintin 5:7; Apoka-lissi 9:20; 22:15).

**Darba fost l-oħrajn** min iwarrab it-tagħlim ta' l-appostli li llum aħna għandna bħala l-Bibbja Mqaddsa kien ikun qiegħed "*iwarrab mhux lill-bniedem, iżda lil Alla*" (1 Tessalonikin 2:2, 4, 8, 9, 13; 4:8).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Kemm hawn nies illum li jagħtu każ u jafu x'tgħid il-Bibbja fuq dak li huma għandhom jagħmlu?

**Darba fost l-oħrajn** fil-knisja li waqqaf Kristu, il-Mulej tagħna, ma kienx hemm għaqdiet reliġjużi ta' qassisin, patrijiet, sorijiet, katakumeni u neo-katakumeni, kariżmatiċi, eċċ. kif nafuhom illum li kollha għandhom il-fundaturi tagħhom (1 Korintin 1:10-16; 3:4, 21-23) għaliex dak kien ikkundannat mill-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 2:10-13).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum nisimgħu dwar għaqdiet Dumnikani, Franġiskani, ta' San Pawlu, Teresjani, eċċ.

**Darba fost l-oħrajn** kotra kbira ta' **qassisin** laqgħu l-fidi tal-Kelma ta' Alla (Atti 6:7).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum, għalkemm xi qassisin (u sorijiet) minn reliġjonijiet differenti għamlu l-istess, billi warrbu s-saċerdozju Kattoliku jew Protestant tagħhom u saru saċerdoti (qa-ssisin) tat-Testment il-Ġdid (1 Pietru 2:5-9), Kristjani biss, ħafna huma li mhumiex lesti li jagħmlu dan u jippreferu li jibqgħu skond it-tagħlim tal-

bnedmin milli dak ta' Alla! Ftit huma dawk li jkollhom l-kuraġġ li kellhom dawk il-qassisin li naqraw dwarhom f'Atti 6:7 u dawk taż-żmien tagħna u jagħmlu l-istess bħalhom!

**Darba fost l-oħrajn** il-Mulej tagħna Ġesù Kristu widdeb billi qal: "*Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħ-ad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46). Il-Kristjani kollha "*kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli…*" (Atti 2:42).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum ħafna reliġjużi jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-mexxejja tagħhom! Imma kulħadd jaf x'hemm lest għal dawk kollha li ma jagħtux widen għall-kliem tal-Mulej! (Mattew 7:26).

**Darba fost l-oħrajn** intqal li l-bnedmin:

> "*m'għandhom l-ebda skuża biex jagħrfu dak li Alla jrid minnhom. Imma għad li lil Alla għarfuh, huma la tawh ġieh ta' Alla li hu, u lanqas raddewlu ħajr; għall-kuntrarju, moħħhom intlief fil-bluha, u qalbhom bla dehen inddalment: waqt li riedu jagħmluha ta' għor-rief, bliehu u bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm…il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma taw-hom lill-Ħallieq, li jkun imbierek għal dejjem. Amen*" (Rumani 1:18-25).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn** Illum, kif diġa rajna aktar qabel, kemm naraw xbieħat ta' Alla u ta' Kristu f'sura ta' bniedem ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar li:

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16; enfasi tiegħi).

Imma għal dawk kollha li jagħmlu dawk il-ħwejjeġ, il-Bibbja Mqaddsa tgħid hekk:

> "*Għalhekk Alla telaqgħom għal ġibdiet bla ġieħ*" (Rumani 1:26).

Illum ħafna huma dawk li huma mitluqa minn Alla għaliex dawn mhumiex lesti li jwarrbu dawk ix-xbie-hat li huma kkundannati minn Alla Nnifsu! Mhux hekk biss, imma huma jkomplu jgħallmu li dawk ix-xbieħat huma ta' **għajnuna** biex wieħed jersaq aktar qrib lejn Alla. X'differenza kbira hemm mill-kliem ta' Alla għall-kliem tal-bnedmin! Isma' x'se jsir minn dawk in-nies:

> "*Imma aħna nafu li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn, Alla jagħmel ħaqq minnhom skond il-verità*" (Rumani 2:2, 5-11, 16).

**Darba fost l-oħrajn** il-Kristjani kollha kienu jem-mnu li l-premju tagħhon, iċ-ċittadinanza tagħhom, it-tama tagħhom, il-wirt tagħhom, kienu kollha se jkunu **fis-smewwiet** u mhux fuq l-art (Mattew 5:12; Filip-

pin 3:20; Kolossin 1:5; 1 Pietru 1:4) u li huma kienu "*barranin u għorba fuq l-art*" u li kienu "jixtiequ pajjiż aħjar, dak **tas-sema**" (Lhud 11:13, 16). Huma kienu jemmnu lil Ġesù li huma kienu se jkunu "bħal l-anġli ta' Alla **fis-sema**" u mhux fuq l-art wara l-qawmien (Mattew 22:30) u mhux lill-mexxejja reliġjużi tagħhom l-istess kif li huma kellhom ġisem ta' l-art li jiġġarraf imma kien se jkollhom ieħor maħdum mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem **fis-sema**" (2 Korintin 5:1-2).

Imma, għal xi wħud, dan kien biss **darba fost l-oħrajn** Illum, billi l-mexxejja reliġjużi tagħhom igħallmu li huma se jkomplu jgħixu fuq l-art, u b'ingann qegħdin jiġu murija ħafna stampi b'ħafna kuluri u annimali flimkien man-nies, allura huma jippreferu jemmnu u jaċċettaw it-tagħlim falz tal-bnedmin milli dak li huma jaqraw fil-Kelma ta' Alla!

**Darba fost l-oħrajn** il-Kritjani kollha kienu jemmnu lil Mulej dwar li hemm post ta' kastig ta' dejjem imsejjaħ "infern." (Mattew 13:42; 22:13; 25: 30, 41-46; Mark 9:48; Lhud 10:29; Rivelazzjoni 14:11; 20: 10-15; eċċ.).

Imma, wkoll dan, għal xi wħud, dan kien biss **darba fost l-oħrajn** Illum huma qegħdin igħallmu li dan il-post li Ġesù tkellem dwaru, ma jeżistix! Imma lil min aħna sejrin nemmnu, lill-mexxejja reliġjużi foloz moderni, jew lill-Mulej tagħna, Ġesù Kristu?

**Darba fost l-oħrajn** żewġ Kristjani tat-Testment il-Ġdid kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom mal-mewt talli

kienu qegħdin jippriedkaw u jgħallmu fuq l-Isem ta' Ġesù Kristu. Huma wieġbu għat-theddida bil-kliem:

> "*Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla?*" (Atti 4:17-19).

Wara li huma kienu mixħuta fil-ħabs u msawwta, huma wieġbu:

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*: (Atti 5:29, 40-42).

Din it-tweġiba kienet mogħtija lill-qassis il-kbir li kien jemmen f'Alla wkoll imma ma kienx qiegħed skond it-tagħlim ta' Kristu!

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Kemm ikun kuntent il-Mulej tagħna li kieku dawk kollha li jemmnu Fih jagħmlu l-istess u jagħtu, kif taw, Pietru u Ġwanni, l-istess tweġiba lill-mexxejja reliġjużi tagħhom dwar dak it-tagħlim kollu mhux Skritturali li huma jgħallmu llum! Imma llum isir il-kontra. Ħafna reliġjużi jaċċettaw it-tagħlim żbaljat tal-mexxejja tagħhom b'għajnejhom magħluqa mingħajr lanqas biss ma jkunu jridu jaraw jekk huma qegħdin fil-verità jew le!

**Darba fost l-oħrajn** kien emmnut li "*min iħares il-liġi kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta' kollox*" (Ġakbu 2:10).

Imma dan kien biss **darba fost l-oħrajn**. Illum dan sar il-kontra. Illum isir hekk: "Min iħares ħaġa waħda biss mil-liġi u jikser il-kumplament tal-liġi mhu ħati ta' xejn!" Imma ma ninsewx x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa:

“*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel dnub*” (Ġakbu 4:17).

Ngħalaq bil-kliem ispirat ta’ l-appostlu Pawlu:

“*Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta’ l-umli u taparsi jqim lil l-anġli, jimla rasu bil-viżjonijiet u moħħu bil-frugħat ta’ bniedem li hu, bla ma jżomm mar-Ras li minnha l-ġisem kollu, permezz ta’ l-għekiesi u l-irbit tiegħu, jieħu l-għajxien u l-għaqda biex jikber skond ma jagħtih Alla… Jekk intom irxuxtajtu ma’ Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta’ Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f’dawk ta’ l-art. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħ-bija flimkien ma’ Kristu f’Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, imbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja*” (Kolossin 2:18-19; 3:1-4).

Il-wegħda tinsab hemm. Issa jiddependi minn kull wieħed u waħda minna u minn kemm għandna l-kuraġġ li nwarrbu dak kollu li mhuwiex Skritturali iżda hu tagħlim tal-bnedmin, għal dak li huwa Skritturali.

Darba waħda tifel ta’ sitt snin mar ma’ missieru fil-foresta. Kif huma daħlu sewwa l-ġewwa ntilfu. It-tifel induna li kienu mitlufa imma missieru kien kunfidenti dwar fejn huma kien sejrin. Wara li l-missier ħass

ruħu mitluf u beda jħares madwaru biex jara jilmaħx lil xi ħadd, ra kamra u ħabbat fuq il-bieb, "Hemm ix ħadd ġewwa?" huwa għajjat. Il-bieb infetaħ u tfaċċa raġel xiħ, u l-missier fissirlu x'kien ġara. Huwa staqsa, "Kif nistgħu aħna mmorru lura f'darna?" Ir-raġel ix-xiħ tbissem u qal, "Intom ma tistgħux tmorru lura minn hawn. Ma hemm l-ebda mogħdija ." "Jiena naf," wieġeb il-missier, "imma rridu morru lura qabel ma jidlam." Ir-raġel ix-xiħ wieġeb, "hemm triq waħda biss biex tmorru hemm. Din hija li neħodkom jien." F'sens spiritwali, kemm hija ta' tifsira għall-ħafna nies illum. Ħafna nies qegħdin mitlufa u jduru 'l hawn u 'l hinn mingħajr l-ebda skop ifittxu għal xi gwida fil-ħajja tagħhom. Ladarba huma warrbu l-gwida li Alla joffri fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, dawn huma kkundannati għall-ħajja ta' tfittxija mingħajr ebda frott. Illum il-messaġġ huwa ċar. Jekk inti trid li tmur għand Alla, int għandek tħalli lil Ġesù jiggwidak Hu u mhux lil xi mexxejja reliġjużi!

Li wieħed iwarrab il-Kelma ta' Alla u jimxi fuq tagħlim ieħor tal-bnedmin bħala gwida reliġjuża għall-ħajja tiegħu, dan l-għemil ineħħilu t-tama tiegħu koll-ha. Aħna responsabbli biex nagħmlu għażliet serji fil-ħajja tagħna, għażliet aktar serji minn dawk dwar ħajja jew mewt fiżika. Kull jum aħna ffaċċjati bil-mis-toqsija ta' "min se tkun il-gwida tagħna, min se jigg-wida l-ħajja spiritwali tagħna?" Jekk aħna ngħidu, "ma rridux niddeċiedu llum," dak in-nuqqas ta' deċiż-joni huwa l-aktar deċiżjoni ta' qirda fost kollha (Lhud 2:2-4; 10:28-31).

Dawk li jħarsu għal xi ħaġa jew għal xi ħadd barra minn Ġesù Kristu u l-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, ikunu misruqa mill-aktar possessjoni prezzjuża tagħhom—is-salvazzjoni tagħhom.

Ġesù Kristu Hu l-uniku gwida għal Alla li aħna qatt jista' jkollna. Li nimxu wara xi gwida oħra jisraqna mill-premju tagħna, jipproduċi umiltà falza u kburija midinba fina, u jerġa' jassarna għad-dnub.

Billi Ġesù Kristu, bħala l-Mulej ta' kulħadd, Hu l-uniku gwida tagħna għal għand Alla (1 Timotju 2:5), ħalli aħna nservuh, inħobbu, u nagħtuh qima sa dak il-jum li aħna ninġabru madwar it-tron Tiegħu għal dejjem ta' dejjem!

**Darba fost l-oħrajn** it-tweġiba ta' żewġ appostli kienet:

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*"(Atti 5:29).

Lest int li twieġeb u tagħmel bħalhom illum u twarrab dak it-tagħlim kollu li hu tal-bnedmin! Jew sejjer int tgħid ukoll li dan kien **biss darba fost l-oħrajn**.

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com